StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(10 marki)**

Qabbel dawn is-sentenzi dwar 'Il-festi tal-Lhud' billi tikteb in-numri minn 1 sa 10 fil-kolonna vojta tan-nofs.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Kull nhar ta' Sibt il-Lhud imorru | | il-ħelsien ta' missirijiethom mill-Eġittu. |
| 2 | Fis-Sinagoga, il-Lhud | | Għid il-Ħamsin. |
| 3 | Fil-festa tal-Għid il-Lhud ifakkru | | fis-Sinagoga. |
| 4 | Fil-festa tal-Għid il-Lhud | | ifakkru meta Alla tahom il-kmandamenti. |
| 5 | Fil-festa tal-Għid tal-Lhud, Ġesù | | jaqraw u jispjegaw il-Kotba Mqaddsa. |
| 6 | Il-festa tal-Ġimgħat tissejjaħ ukoll | | jieklu ħaruf mixwi u ħobż ażżmu. |
| 7 | Fil-festa tal-Ġimgħat il-Lhud | | jibnu għarix. |
| 8 | Fil-festa tat-Tined il-Lhud jirringrazzjaw lil Alla | | Għamel is-sagrament tal-Ewkaristija. |
| 9 | Fil-festa tat-Tined, il-Lhud kellhom drawwa | | nhar ta' Sibt. |
| 10 | Kull ġimgħa l-Lhud jieqfu mix-xogħol | | tal-ħsad u tal-frott. |

**Taqsima B** **(20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Bħala Nisrani, lil min għandna nżommu bħala boxxla u gwida għal ħajjitna?

______________________________________________

2. a. X'jissejħu dawk li kitbu l-Evanġelju? ______________________

   b. Ikteb min huma. ______________________________

3. F'liema raħal seħħet il-ġrajja tat-tħabbira tal-anġlu lil Marija?

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Għaliex il-Lhud u s-Samaritani ta' żmien Ġesù ma kinux jaqblu bejniethom?

_______________________________________________

5. Liema grupp ta' nies fi żmien Ġesù kien jiġbor it-taxxi għal Ruma?

_______________________________________________

6. Lil min għażel Alla biex jeħles lil-Lhud mill-Eġittu? ____________

7. X'tahom Alla lil-Lhud bħala ikel fid-deżert? ____________

8. X'wiegħed Alla lis-sultan David? ____________

9. Min bena l-ewwel tempju lil Alla f'Ġerusalemm?____________

10.a. Fejn mar jitlob Ġesù wara l-aħħar ikla mal-appostli tiegħu?

_______________________________________________

b. X'talab Ġesù lil Alla l-Missier dakinhar?

_______________________________________________

11. X'għamel San Massimiljanu Kolbe biex juri l-imħabba tiegħu lejn il-proxxmu? ____________

12. X'għamlet Madre Tereża ta' Kalkutta għall-ġid ta' ħaddieħor?

_______________________________________________

13. Għaliex il-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù hija l-aktar ġrajja importanti għalina li nemmnu f'Ġesù?

_______________________________________________

14. X'għamel Ġesù matul ħajtu biex jgħallimna ngħinu lill-oħrajn?

_______________________________________________

15. X'għamel Ġesù biex jgħallimna naħfru anki lil min jagħmlilna d-deni?

_______________________________________________

16. Semmi żewġ affarijiet li għandu jagħmel in-Nisrani fil-ġurnata tal-Ħadd.

_______________________________________________

17. F'liema sagrament Ġesù hu preżenti b'mod għal kollox speċjali?

_______________________________________________

18. Kif għandna nħejju ruħna biex nirċievu l-Ewkaristija kif jixraq?

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima Ċ** **(10 ma**

StudentBounty.com

Fisser dawn is-sentenzi mill-Evanġelju.

*1.* "U ara, jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien." *(Matt 28, 20)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. "Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art." *(Matt 6, 11)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." *(Ġw 15, 13)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi." *(Lq 23, 43)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

*5.* "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej ta' kulħadd." *(Mk 10, 44)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** **(20 ma**

Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel għama minn twelidu, għamel qisu tajn, dilek bih għajnejn ir-raġel u qallu: "Mur inħasel fl-ilma ta' Silwam." Dak mar jinħasel u ġie jara. Il-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh jittallab, qalu: "Dan mhux dak li kien joqgħod bilqiegħda jittallab il-karità?" Hu wieġeb: "Jien hu." Staqsewh, "Mela kif infetħulek għajnejk?" U hu wieġeb, "Wieħed raġel jismu Ġesù għamel ftit tajn, dellikli għajnejja bih u qalli, 'Mur fis-Silwam u nħasel hemm.' Mort, inħsilt u ġejt nara." Issa nzerta li dakinhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn il-għama kien is-Sibt. X'uħud mill-Fariżej qalu lill-għama li ġie jara, "Dan il-bniedem li fejqek mhux minn Alla, għax ma jħarisx is-Sibt."

(adattat minn: *Ġw 9*)

1. X'għamel Ġesù lill-għama fuq għajnejh? ____________________________
2. X'qallu biex jagħmel? ____________________________________________
3. X'ġara wara li l-għama għamel dak li qallu jagħmel Ġesù?

   ________________________________________________________________
4. Għaliex il-Fariżej qalu li Ġesù kien midneb?

   ______________________________________________________________ .
5. Ġesù lill-għama tah dawl iktar prezzjuż mid-dawl ta' għajnejh. X'kien dan id-dawl? ____________________________________________________
6. Kif taf li dan ir-raġel aċċettah dan id-dawl?__________________________
7. Inti meta rċevejt dan id-dawl ta' Ġesù? ______________________________
8. X'qiegħed tagħmel int f'ħajtek biex tgħix skont dan id-dawl speċjali ta' Ġesù?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________
9. Agħti tliet raġunijiet għala Ġesù kien jagħmel il-mirakli.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

10. Barra mill-mirakli ta' fejqan, Ġesù għamel mirakli ta' xorta oħra.
    Semmi żewġ mirakli ta' Ġesù li ma kinux mirakli ta' fejqan.

**<u>Taqsima E</u>**

<u>Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin</u>. **(20 marka)**

Ġesù hu l-akbar għalliem.

a. F'madwar 50 kelma ikteb xi parabbola li qal Ġesù.

b. X'ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola?

ċ. Kif għandek iġġib ruħek biex tgħix skont kif għallem Ġesù fil-parabbola li ktibt fuqha?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F** **(20 ma**

L-istorja ta' Abraham tgħallimna li:

a) għal Alla kollox hu possibbli.
b) Alla jżomm kelmtu mal-bniedem.
ċ) min jemmen f'Alla jiġi ppremjat.

i. Ikteb l-istorja ta' Abraham biex turi dawn it-tliet punti.

ii. Permezz ta' eżempji, uri kif f'ħajtek int tista' tixbah lil Abraham.

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers